# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ MARZU
L-AKKADEMJA TAL-MALTI 1974


## L-EŻAMI TAR-RELIĠJON

*HAWN ĦAFNA li donnhom ma jafux sewwa għaliex isiru l-eżamijiet; bosta jaħsbu li l-eżami mhux ħaġa oħra ħlief mezz biex wieħed jitla' minn klassi għall-oħra ta' l-iskola, jew biex jakkwista impjieg. Min jaħseb hekk juri li ma jifhemx tajjeb is-siwi u l-fejda tal-eżami.*

*L-eżamijiet isiru biex wieħed juri mhux kemm tgħallem, imma kemm jaf, għax wieħed jista' jitgħallem ħafna bl-amment imma ma jkun fehem xejn.*

*Għalhekk l-eżamijiet li jsiru kif imisshom, iservu biex jagħrfu l-ħila li għandu l-kandidat biex iħaddem moħħu ħalli jifhem sewwa dak li jitgħallem, u minn hekk titnissel il-ħtieġa ta' l-eżami tar-reliġjon.*

*Wieħed ikun imħarreġ fir-reliġjon mhux billi jkun jaf igħid bl-amment talb u ġakulatorji, imma billi jifhem sewwa s-setgħa li għandha r-reliġjon fuq ruħ il-bniedem u l-effett tagħha fuq il-ħajja u l-imġieba tal-bnedmin.*

*Mingħajr l-influwenza tar-reliġjon, il-bniedem jitlef kull ilġiem morali u jaqa' taħt ġibdiet bla raj, hu jsir qisu bhima. Nies bħal dawn ma jistgħux ikunu meqjusin bħala ċittadini li jagħmlu unur lil-pajjiż, wisq u wisq anqas ma huma ta' min jagħżilhom biex jidħlu għal kors ta' professjoni li ġġibilhom taħt idejhom il-ġid u l-ġieħ, is-saħħa u l-ħajja ta' ċittadini oħrajn.*

*Mela l-eżami tar-reliġjon ma għandux ikun ikkunsidrat bħala test biex jipprova jekk il-kandidat hux reliġjuż jew le, u anqas biex il-kandidat jingħaraf jekk hux kattoliku jew jekk jappartenix għal xi fidi oħra, imma dak l-eżami jsir bħala garanzija li min jidħol għal kors ta' professjoni akademiku għandu l-ħila jagħraf it-tajjeb mill-ħażin, jaf jagħżel id-dritt mill-imgħawweġ, jista' jiżen u jqis is-siwi u l-medda ta' ħajjet il-bniedem u, fuq kollox, jisma' s-sejħa ta' qalb il-bniedem u t-tweġiba tal-ħolqien.*

*Jekk l-eżami tar-reliġjon għandu s-siwi tiegħu bħala rahan ta' għerf u karattru fil-korsijiet akkademiċi kollha, wisq aktar jiswa għalina fil-Gżejjer tagħna, fejn il-ħajja tal-poplu u kulma għandu x'jaqsam magħha, ilhom imfasslin fuq xejra reliġjuża għal eluf ta' snin. Sa minn żminijiet l-aktar imbegħdin, saħans tra fil-pre-*

*istorja, kif jixhdu t-tempji megalitiċi, f'dawn il-Gżejjer tagħna kien hawn sentiment reliġjuż mill-aktar sħiħ; imbagħad wara l-miġja ta' San Pawl, mal-elfejn sena ilu, dak is-sentiment reliġjuż ħa xejra nisranija u rabba għeruq tant qawwija li fil-milja tas-snin nissel sura fil-karattru nazzjonali li tatna identità u għażlitna bħala nazzjon għalina.*

*Għalhekk l-eżami tar-reliġjon f'Malta għandu tifsira għalih innifsu. Hawn ma jsir sempliċement bħala eżami f'suġġett skolastiku imma jsir biex il-kandidat juri safejn iwasslu għerfu u dehenu u x'ħila għandu moħħu biex jistħqarreġ u jifhem il-valuri tal-ħajja, għax minn hekk jiddependi s-suċċess li jkollu l-kandidat bħala professjonist u bħala ċittadin.*